Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,170, 29 ta' Settembru, 1995
Taqsima B

A.L. 136 ta' l-1995

ATT TA' L-1995 DWAR SELF LOKALI (ATT NRU. XVIII TA' L-1995)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Hruġ ta' Lm5,500,000 addizzjonali 6.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2000 (IR-RABA' HRUĠ)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-1995 dwar Self Lokali u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, minħabba li kien hemm applikazzjonijiet iktar milli kien hemm *Stock*, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ addizzjonali ta' Lm5,500,000 6.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2000 (IV) mal-Lm5,000,000 6.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2000 (IV) maħruġin permezz ta' l-Avviż Legali Nru. 115 ta' l-1995 ippubblikat fil-25 ta' Awissu, 1995, bl-istess kundizzjonijiet, sabiex b'hekk l-ammont totali ta' 6.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2000 (IV) ikun ta' Lm10,500,000. Dan l-ammont addizzjonali jingħata lil dawk li diġà applikaw għal dan l-i*Stock* qabel is-26 ta' Settembru, 1995.